**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

It-Tnejn 18 ta' Marzu 2019

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

### AĠENDA Numru 86

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 86 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2019 fil-5:30pm.

Din il-laqgħa ser tixxandar *live* fuq l-*internet* u hi miftuħa għall-pubbliku.

**IFFIRMATA**

**Chris Falzon**
Segretarju Eżekuttiv

---

**AĠENDA**

86.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
86.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
86.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
86.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
86.5 Rapporti;
86.6 Aġġornament dwar il-bini taċ-Ċentru Ċiviku l-ġdid tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi;
86.7 Evalwazzjoni ta' Jum il-Qrendi 2019;
86.8 Aġġornament dwar Sqaq Nru 2, Triq San Nikola u Sqaq Nru 1 u Sqaq Nru3, Triq it-Torri;
86.9 Aġġornament dwar it-tisbiħ tal-latrini pubbliċi li jinsabu fil-pjazza tal-Qrendi;
86.10 Aġġornament dwar it-tisbiħ tal-bandli fi Ġnien Dama Cecilia Pick (il-Ġnien tal-Warda);
86.11 Rebbiegħa fil-Komunità – Xettel b'Ilwien in-Natura;
86.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;
86.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-86 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu 2019 fil-5:30pm fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat fis-6:30pm.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri MQR |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsilliera | Daniela Farrugia |
| Kunsilliera | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatriċi | Michaela Vassallo |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri MQR ippreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

86.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOOĠIJA**

86.1.1 Ma kien hemm l-ebda ittra t'apoloġija.

86.1.2 Qabel bdiet il-laqgħa s-Sindku rringrazzja lil kulħadd tas-sapport li ntwera matul il-jiem li kien indispost.

86.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

86.2.1 Il-Minuti tal-84 (laqgħa b'urġenza) u l-85 Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi kienu proponuti mill-Kunsillier Daniel Farrugia.

86.2.2 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud issekondat il-Minuti u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

*Is-Sindku David Schembri għadda mozzjoni sabiex il-Minuti 86.3, 86.4 u 86.5 jiġu diskussi wara Minuta 86.11 f'din l-istess laqgħa, liema mozzjoni kienet issekondata mill-Viċi Sindku Charles Zerafa u maqbula unanimament mill-membri tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi.*

86.6 **AĠĠORNAMENT DWAR IL-BINI TAĊ-ĊENTRU ĊIVIKU L-ĠDID TAL-KUNSILL LOKALI TAL-QRENDI**

86.6.1 Is-Sindku David Schembri qal li wara ħafna xhur ta' qtigħ ta' qalb biex jinbeda x-xogħol u wara li prattikament il-kuntrattur spiċċa bla aktar skużi plawsibli għaliex hemm dewmien eċċessiv fuq din il-binja, intbagħat messaġġ xi ftit iebes min-naħa tal-Kunsill Lokali bħala twissija li jekk ix-xogħol mhuwiex ser jitkompla, mhux ser jifdlilna l-ebda triq oħra ħlief li nieħdu l-passi neċessarji.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

86.6.2 Qal li wara dan il-messaġġ, il-kuntrattur reġa' beda bix-xogħol minn nhar is-Sibt li għadda u allura forsi issa nistgħu nittamaw li x-xogħol jitkompla.

86.6.3 Żied li r-residenti Qrendin kellhom u għandhom raġun igergru u jilmentaw dwar dan id-dewmien u filwaqt li l-kritika kienet indirizzata lejn il-Kunsill Lokali, xtaq jirrimarka li bħala Kunsill qegħdin nagħmlu dak kollu li nistgħu sabiex ix-xogħol jitkompla.

## 86.7 EVALWAZZJONI TA' JUM IL-QRENDI 2019

86.7.1 Is-Sindku qal li ser iħalli l-kelma lill-Viċi Sindku Charles Zerafa minħabba li hu kien indispost.

86.7.2 Il-Viċi Sindku qal li l-Ġimgħa 22 ta' Frar kien hemm is-serata ta' Ġieħ il-Qrendi.

86.7.3 Qal li n-nominati kollha kienu sodisfatti tan-nomina tagħhom u anke dawk li rċevew l-onorifiċenzi apprezzaw ħafna l-ġest tal-Kunsill Lokali.

86.7.4 Żied li l-quddiesa ta' radd il-ħajr ta' Jum il-Qrendi ma saritx il-Ħadd 24 ta' Frar minħabba l-maltemp qawwi li ħakem lill-pajjiż kollu, u din saret il-Ħadd ta' wara.

86.7.5 Is-Sindku qal li minn meta bdejna nagħtu dawn l-onorifiċenzi, aktar nies bdew iħossu li xogħolhom qiegħed ikun valutat u apprezzat mill-komunità Qrendija.

86.7.6 Irringrazzja wkoll lill-Bord tal-Aġġudikazzjoni li ltaqgħu u għażlu l-persuna li eventwalment rebħet Ġieħ il-Qrendi 2019.

86.7.7 Huwa feraħ mhux biss lis-Sa Claudette Abela Baldacchino li rebħet Ġieħ il-Qrendi, imma feraħ ukoll lin-nominati kollha, lill-Mro Gordon Mayer, lis-Sur Grezju Psaila u lis-Sa Carmen Zammit.

86.7.8 Irringrazzja wkoll lil dawk li ngħataw l-onorifiċenzi fl-oqsma differenti tagħhom u qal li kienu diversi dawk li bagħtulu r-ringrazzjament

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

tagħhom avolja kien indispost.

## 86.8 AĠĠORNAMENT DWAR SQAQ NRU 2, TRIQ SAN NIKOLA U SQAQ NRU 1 U SQAQ NRU 3, TRIQ IT-TORRI

86.8.1 Is-Sindku tkellem dwar dawn is-sqaqien u qal li bħala Kunsill Lokali kien hemm ftehim unanimu li dawn jiġu pavimentati.

86.8.2 Qal li diġa' konna tkellimna mal-Korporazzjoni tal-Ilma sabiex jinbidlu s-servizzi qabel isiru dawn l-isqaqien.

86.8.3 Żied li diġa' għandna l-BOQs f'idejna u fl-aħħar ġimgħat saret laqgħa mal-Perit tal-Kunsill Lokali u l-kuntrattur, fejn ġie deċiż kif ser isiru dawn l-isqaqien.

86.8.4 Jidher li s'issa għaddejjin bil-proċess tal-permessi ma' Transport Malta u l-ħsieb hu li l-ewwel jinbdew l-isqaqien ta' Triq it-Torri u wara jsir dak ta' Triq San Nikola.

86.8.5 Qal li x-xogħol għandu jinbeda ġaladarba jkollna l-permessi kollha f'idejna u semma' kif il-bankina ta' Sqaq Nru 2, Triq San Nikola, ser tkun qiegħda titwessa' ftit ċentimetri.

86.8.6 Spjega kif waslitilna informazzjoni li hemm dar fi Sqaq San Nikola Nru 2 fejn ser isir xi xogħol, u allura forsi nistennew ftit ġimgħat oħra qabel jinbeda x-xogħol hemmhekk ħalli ma nagħmlux ix-xogħol aħna u jerġa' jinqala'.

86.8.7 Qal li qiegħed jittama li x-xogħol ikun lest sal-aħħar ta' Mejju u dan mhux minħabba l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali, imma għaliex ir-Reġjuni kif qegħdin bħalissa ser jintemmu, u għandna l-flus ivvutati għalihom mingħand ir-Reġjun tan-Nofsinhar, u għalhekk iridu jintefqu sakemm tispiċċa din il-leġiżlatura.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 86.9 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TISBIĦ TAL-LATRINI PUBBLIĊI LI JINSABU FIL-PJAZZA TAL-QRENDI

86.9.1 Is-Sindku qal li x-xogħol fuq dawn il-latrini beda mil-lum.

86.9.2 Qal li nbdiet il-latrina tal-irġiel u fil-fatt ser inkunu qegħdin naħdmu b'diversi persuni sabiex ix-xogħol ikun imħaffef u ma noħolqux inkonvenjent kbir lir-residenti u lil min juża' dawn il-latrini.

86.9.3 Spjega kif mil-lum beda jinqala' l-madum tal-latrina tal-irġiel, u fil-fatt il-latrina tan-nisa inqasmet ftit, fejn minn tliet toilets, tnejn qegħdin jintużaw għan-nisa u wieħed għall-irġiel.

86.9.4 Fisser kif ser inkunu qegħdin inġibu l-fondi mingħand ir-Reġjun tan-Nofsinhar u allura hawnhekk mhu ser inkunu qegħdin nonfqu xejn mill-flus tal-Kunsill Lokali.

86.9.5 Żied li fil-latrina tan-nisa ser inkunu qegħdin inneħħu wieħed mit-toilets u minflok nagħmlu nappy changer.

86.9.6 Qal li nhar il-Ħamis li ġej ser issir konferenza tal-aħbarijiet mir-Reġjun tan-Nofsinhar fejn matulha ser inkunu qegħdin nirċievu l-flus għat-tisbiħ ta' dawn il-latrini pubbliċi.

## 86.10 AĠĠORNAMENT DWAR IT-TISBIĦ TAL-BANDLI FI ĠNIEN DAMA CECILIA PICK (IL-ĠNIEN TAL-WARDA)

86.10.1 Is-Sindku qal li l-permess għat-tisbiħ ta' dan il-Ġnien ħareġ.

86.10.2 Spjega li issa ninsabu fil-fażi fejn applikajna għall-fondi tal-Urban Improvement Fund kif ukoll qegħdin fil-proċess li noħorġu s-sejħa għall-offerti.

86.10.3 Qal li t-tisbiħ tal-bandli ser ikun ħolistiku, jiġifieri mhux sempliċiment ser jinbidlu l-bandli, eċċ... imma ser ikun hemm miżuri ta' sigurtà sabiex kulħadd ikun moħħu mistrieħ f'dan il-Ġnien.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

86.10.4 Fisser kif sadanittant, kellna ż-żurżieqa li ħarġila s-sadid u saret perikoluża, imma permezz tal-ħaddiema tagħna rranġajna din il-problema mill-aktar fis u issa nistennew li jibda t-tisbiħ.

## 86.11 REBBIEGĦA FIL-KOMUNITÀ – XETTEL B'ILWIEN IN-NATURA

86.11.1 Is-Sindku David Schembri qal li wieħed irid jara liema triq jew toroq ser jikkoperaw, għaliex jekk kemm-il darba jkollna biss nofs triq li tieħu sehem, allura jintilef l-iskop kollu ta' din l-inizjattiva.

86.11.2 Qal li jekk kemm-il darba niffukaw fuq l-isqaqien, xorta jista' jkollna problema bil-viżibiltà għax dawn ma tantx jidhru.

86.11.3 Spjega li għalkemm hija idea tajba, l-inkwiet tiegħu hu li ma jkollniex koperazzjoni u allura jisfuma kollox fix-xejn.

## 86.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

86.3.1 Is-Sindku David Schembri qal fit-18 ta' Frar kien hemm programm fuq l-istazzjon F Living dwar ix-xogħol kollu li qiegħed jagħmel il-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

86.3.2 Is-Sindku tkellem dwar Triq il-Kabiri u qal li tkompla x-xogħol f'din it-triq matul l-aħħar jiem.

86.3.2.1 Qal li fl-aħħar ġimgħat il-Kunsill Lokali anke ħadem sabiex quddiem ir-residenzi jitranġa l-livell tat-triq sabiex ir-residenti seta' jibqa' jkollhom aċċess komdu għal djarhom.

86.3.3 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr tas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena u qal li dan ser ikun inawgurat uffiċjalment nhar il-Ġimgħa li ġej fin-12:30pm.

86.3.3.1 Qal li l-Kunsill Lokali huwa kollu mistieden u l-konferenza tal-aħbarijiet ser issir maġenb is-Santwarju.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

86.3.4 Is-Sindku tkellem dwar il-pubblikazzjoni tal-ktieb tal-laqmijiet li ser ikun ippubblikat mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi, bl-għajnuna tal-Iskola Primarja tal-Qrendi u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

86.3.4.1 Qal li jonqos ftit l-aħħar żviluppi fuqu qabel immorru għall-ipprintjar, fejn bħalissa qiegħed isir l-aħħar qari tal-provi, ikun finalizzat l-issettjar tal-ktieb, imbagħad naslu għall-konklużjoni ta' dan il-proġett.

86.3.5 Is-Sindku tkellem dwar Triq iż-Żelliqat u Triq Wied iż-Żurrieq u qal li dawn issa huma lesti anke mit-tarmak, xogħol li sar minn Infrastruttura Malta.

86.3.6 Is-Sindku tkellem dwar Triq Ħas-Sejjieq u qal li x-xogħol għaddej bħalissa fuq din it-triq u dan ukoll qiegħed isir minn Infrastruttura Malta.

86.3.6.1 Qal li dan ix-xogħol li qiegħed isir ser ikun qiegħed jgħin qatigħ lill-Kunsill Lokali, b'mod speċjali għaliex mhux ser nibqgħu nagħmlu l-patching u dan ifisser li ta' kull sena ser niffrankaw eluf ta' ewro.

86.3.7 Is-Sindku tkellem dwar Misraħ il-Maqluba u qal li hemmhekk saret afforestazzjoni ta' siġar u arbuxelli u issa aktar kemm jgħaddu l-ġimgħat u x-xhur aktar tkun tista' toħroġ l-isbuħija ta' dak li ġie mħawwel.

86.3.7.1 Qal li dan ix-xogħol sar permezz t'għajnuna mill-Koperattiva GreenPAK wara li l-Kunsill Lokali tal-Qrendi kien rebaħ il-premju ta' The Best Supportive Local Council is-sena li għaddiet.

86.3.8 Is-Sindku tkellem dwar id-dawra tat-Torri Xutu u qal li bħalissa qiegħed isir xogħol ta' tisbiħ fuq dan it-torri, f'Wied iż-Żurrieq.

86.3.8.1 Qal li qiegħed jistenna li għall-aħħar t'April li ġej issir l-inawgurazzjoni ta' dan ir-restawr u tisbiħ.

86.3.8.2 Fisser kif ix-xogħol li qiegħed isir huwa fir-responsabilità ta' Din l-Art Ħelwa, bil-fondi mill-Malta International Airport Foundation.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

86.3.9 Is-Sindku tkellem dwar żewġ applikazzjonijiet li preżentament jinsabu quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar u qal li huma xi ftit jew wisq inkwetanti.

86.3.9.1 Qal li waħda minnhom hija tal-Korporazzjoni tal-Ilma għaliex qegħdin jipproponu li fuq il-ġibjun tal-Qrendi jsir kollu bil-pannelli, imma jidher li biex isir dan ix-xogħol ser jitħaffer kanal fit-triq.

86.3.9.2 Spjega li d-dispjaċir tiegħu hu li din it-triq għadha ssir mill-Gvern Ċentrali u allura ser tintmess fi ftit xhur wara u jistgħu jibdew jinqalgħu l-problemi fit-tarmak li għadu kif ingħata.

86.3.9.3 Qal li l-applikazzjoni l-oħra hija dwar l-estensjoni ta' barriera li hemm fi Triq is-Siġġiewi u li tmiss ukoll ma' Triq Misraħ is-Sinjura u Triq San Niklaw.

86.3.9.4 Fisser kif bħala Kunsill Lokali għandna nressqu 'l quddiem ċertu rimarki u oġġezzjonijiet, u dan sabiex l-ewwel nett jitneħħa l-ħajt li hemm fi Triq San Niklaw, kif ukoll hemm materji oħra li hemm bżonn jiġu indirizzati.

86.3.9.5 Qal li bħala Kunsill Lokali m'għandniex għalfejn inkunu kontra l-estensjoni tal-barriera, imma li x-xogħol isir sew, kif ukoll li b'mod speċjali fejn hemm dak il-ħajt żejjed fi Triq San Niklaw, issir bankina pulita u anke jitħawlu xi siġar.

86.3.10 Is-Sindku tkellem dwar Triq it-Tempesta u qal li x-xogħol hemmhekk miexi ġmielu u prattikament il-bankina waslet fl-aħħar fażijiet tagħha.

86.3.10.1 Spjega li ġaladarba titlesta' l-bankina, ikun imiss li jingħata t-tarmak wara li anke jiġu rranġati xi pożizzjonijiet oħra fl-istess by-pass.

86.3.10.2 Fisser kif barra minn hekk, bħala Kunsill Lokali tkellimna m'Infrastruttura Malta u anke Transport Malta dwar miżuri sabiex titnaqqas il-veloċità eċċessiva li jużaw ċertu sewwieqa f'din it-triq.

86.3.10.3 Qal li kellna laqgħat magħhom u fil-fatt għandna l-informazzjoni li r-roundabout tematika ser tiġi rranġata u ddisinjata mill-ġdid sabiex il-

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

karozzi ma jkunux jistgħu jibqgħu għaddejjin b'veloċità eċċessiva.

86.3.10.4 Żied li dwar ir-roundabout li kienet proposta fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq iż-Żurrieq qal li l-esperti forsi ma fehmux mal-ewwel għaliex il-Kunsill Lokali xtaq li ssir din ir-roundabout, imma wara li tajnihom spjega estensiva, jidher li fehmuna ċar.

86.3.10.5 Fisser kif il-Kunsill Lokali talab għal speeding controls kif ukoll right of way sabiex jiġu evitati kemm jista' jkun l-inċidenti tat-traffiku, fejn sfortunatament lura fis-snin kellna anke fatalijiet fi Triq it-Tempesta.

86.3.10.6 Kompla jgħid li anke r-roundabout li kienet proposta fi Triq it-Tempesta k/ma' Triq Antonio Chircop kienet diskussa u jidher li din qiegħda fil-ħsieb li ssir sabiex isservi bħala miżura ta' speed control u right of way.

86.3.10.7 Qal li l-proposti li ħarġu bihom Transport Malta u Infrastruttura Malta huma simili ħafna għal dawk li kien ippropona l-Kunsill Lokali lura għal Jannar 2016.

86.3.10.8 Fisser kif minħabba r-roundabout li ser issir k/ma' Triq Antonio Chircop ser tintmess xi ftit iż-żona fejn hemm il-Monument tal-Ħajja u ż-Żgħożija, imma dan mhuwiex ser jiċċaqlaq minn fejn jinsab fil-preżent, biss ser tintmess parti żgħira minnu.

86.3.10.9 Żied li kien hemm xi oġġezzjonijiet minn xi residenti u anke petizzjoni li jilħqu 1.8% tar-residenti mniżżla fl-aħħar Reġistru Elettorali, u dan il-punt kien ukoll ikkomunikat mal-awtoritajiet.

86.3.10.10 Tkellem ukoll dwar problemi li bdew isibu xi residenti minħabba l-aċċessibilità għall-garaxxijiet tagħhom, u aħna ressaqna kull każ quddiem Infrastruttura Malta għall-attenzjoni tagħhom peress li dan huwa żvilupp skemat.

86.3.10.11 Tkellem ukoll dwar ilmenti li kellna minn xi residenti fejn dawn talbu għal aktar miżuri ta' sigurtà, speċjalment fejn hemm il-ħruġ tas-service roads għal ġol-by-pass, b'mod speċjali qrib il-bus shelters, u l-Kunsill Lokali għadda dawn l-ilmenti lill-awtoritajiet.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

86.3.10.12 Tkellem ukoll dwar żewġ siġar tal-palm li kellhom jitneħħew minn Triq it-Tempesta u qal li dawn tneħħew minħabba l-frieghi tagħhom li kienu qegħdin il-ħin kollu jmissu mal-wires tad-dawl, kif ukoll bdew jintelqu 'l isfel għal ġol-by-pass.

86.3.10.13 Qal li l-miżura ttieħdet ukoll minħabba l-open buses li jgħaddu mill-by-pass u dan minħabba li jistgħu jintlaqtu n-nies li jkunu fuqhom.

86.3.10.14 Barra dan kollu, huwa spjega li kienu wkoll mitluba zebra crossings fejn hemm il-bus stops preżenti, u dan sabiex in-nies li jkunu qegħdin jaqsmu fi Triq it-Tempesta jkollhom moħħhom mistrieħ.

86.3.10.15 Fl-aħħar nett is-Sindku staqsa jekk kienx hemm min xtaq li jistaqsi xi ħaġa jew inkella li jkollu informazzjoni addizzjonali u/jew kjarifiċi, biss ma saru l-ebda mistoqsijiet.

## 86.4 <u>TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI</u>

86.4.1 Il-Kunsilliera Olympia Sant Mifsud ikkummentat dwar in-numru kbir ta' bozoz li għandna maqtugħin fil-Qrendi.

86.4.1.1 Is-Sindku wieġeb li huwa minnu li hemm ħafna toroq li fihom hemm il-bozoz maqtugħin imma dawn bdew jiġu rranġati ftit ftit wara li kien hemm back log min-naħa tal-kuntrattur wara l-maltempata kbira li seħħet fi Frar li għadda.

86.4.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa dwar Triq iż-Żurrieq u qal li hemm problema tal-ilma meta tagħmel ix-xita.

86.4.2.1 Qal li meta tinżel bis-saħħa, qiegħed ikollna problema li jittajjar ħafna ilma lejn id-dar tiegħu.

86.4.2.2 Is-Sindku wieġeb li ser inkun qegħdin naraw x'jista' jsir dwar dan il-każ.

86.4.3 Il-Kunsillier Daniel Farrugia staqsa jekk il-bankijiet li kien hemm fi Triq Rokku Buhagiar, faċċata tas-sede tas-Soċjetà Mużikali Santa

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Marija, jistgħux jerġgħu jiġu impoġġija posthom.

86.4.3.1 Is-Sindku wieġeb li jekk dawn ser jerġgħu jitpoġġew fejn kienu, dawn ser jostakolaw il-bankina kif kienu jagħmlu qabel.

86.4.3.2 Żied li jekk hemmhekk jiġi biex jinbena, allura jkollna nerġgħu naqilgħuhom, biss sostna li anke jekk nerġgħu inpoġġuhom, ser nostakolaw il-bankina.

## 86.5 <u>RAPPORTI</u>

86.5.1 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li nhar l-Erbgħa li ġej ser isir Coffee Morning.

86.5.2 Qal ukoll li nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju ser tiġi organizzata ġurnata Għawdex, bil-programm jitħabbar aktar 'il quddiem.

## 86.12 <u>KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI</u>

86.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €20,292.64 skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 02/19 u €102.54 skont il-*Petty Cash* Ref W/02.

86.12.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi jipproponi li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

86.12.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud u l-Kunsilliera Daniela Farrugia ssekondaw din il-proposta.

86.12.4 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar din il-proposta.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 86.13 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

86.13.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-7:30pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 22 ta' April 2019 fil-5:30pm.

____________________
**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

____________________
**David Schembri**
**Sindku**